Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-388 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
it-Tnejn, 29 ta' Awwissu, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

Il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-387 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Grech informa lill-Kunsill li kien mar flimkien mal-Perit fi Triq Bajada sabiex ikollu ndikazzjoni ta' fejn l-aħjar għandha ssir ir-*road hump.* Is-Sur Grech qal li l-Perit issuġġerixxa li qabel tittieħed deċiżjoni dwar dan, issir laqgħa mal-Ispettur tad-Distrett peress illi kien hu li ressaq l-proposta lill-Kunsill.

Is-Sur Grech staqsa dwar meta kien ser jingħata bidu għax-xogħol ta' *resurfacing* taħt l-iskema *Public Private Partnership*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur kien qed jistenna l-permessi neċessarji minn *Transport Malta* biex jibda x-xogħol.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva informazzjoni mill-kumpanija Arriva. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien kiteb lill-kumpanija Arriva fejn ressaq l-ilmenti tal-pubbliku dwar is-servizz ta' trasport f'Ħaż-Żabbar filwaqt illi s-Sindku tkellem waqt *Press Conference* dwar il-problemi li r-residenti kien qed ikollhom bis-servizz tal-kumpanija Arriva.

Is-Sur Buttigieg qal li l-*bus shelters* li saru fi Triq il-Mina ta' Hompesch kienu għadhom mingħajr dawl u talab li tkompli ssir pressjoni biex dawn jiġu mdawwla.

Is-Sur Bonnici staqsa dwar meta kien ser jitkompla x-xogħol ta' madwar il-Mina ta' Hompesch. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol kien ser isir fil-jiem li ġejjin.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar talba biex issir *motor cycle parking bay* fi Triq Leli Tabone quddiem ir-residenza numru 11 u fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħti l-kummenti tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba tiġi mressqa lis-Sotto Kumitat għall-Immaniġjar tat-Traffiku biex il-Kunsill jingħata parir qabel jgħaddi l-kummenti tiegħu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana fejn il-Kunsill ġie mitlub jgħaddi l-awguri tal-festa lir-residenti fuq Radju Hompesch. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li m'għandux jidħol fi spejjeż biex jawgura l-festa t-tajba lir-residenti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident li joqgħod fi Triq ix-Xgħajra fejn il-Kunsill ġie mitlub ineħħi *road hump* li hemm quddiem ir-residenza tiegħu peress li kienet qed tkun ta' periklu. Is-Sindku qal li kien ser jagħmel spezzjoni fuq il-post flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-Immaniġġjar tat-Traffiku.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Diego Puleo minn Villabate dwar il-festa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buttigieg ppropona li s-Sur Puleo jiġi mistieden mill-Kunsill flimkien mad-delegazzjonijiet barranin u li ssir diskussjoni miegħu dwar kif il-ġemellaġġ ma' Villabate jista' jinzamm. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat Memo 73/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *white paper* li tittratta riorganizzazzjoni tas-swieq fil-beraħ. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill m'għandux jipparteċipa jekk is-suq mhux ser jiġi organizzat mill-Gvern Ċentrali u dan peress illi s-suq fil-beraħ ta' Pjazza San Ġakbu kellu jiġi organizzat mill-ex Segretarju Parlamentari għan-negozji ż-żgħar Edwin Vassallo. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat ukoll korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-*white paper* li tittratta is-swieq pubbliċi, fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex jibgħatu l-kummenti tagħhom dwar is-suġġett imsemmi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Bord tal-Governanza dwar l-ilment imressaq minn Dr J Cassar Delia. Il-Kunsill intalab jagħti l-ħlas lura lil Dr J Cassar Delia peress li hu ma kellux intenzjoni jingombra l-bankina. Il-Kunsill għandu l-provi li l-applikant effettivament ingombra l-bankina allura għandu japplika l-provvedimenti li jagħtuh ir-regolamenti kontra min jikser kundizzjonijiet ta' permess.

Inqrat ittra ta' risposta mibgħuta minn Transport Malta dwar Triq Ġdida fi Triq San Leonardu. Il-Kunsill ingħata struzzjonijiet biex din it-triq tibqa' miftuħa peress li hija triq pubblika.

Inqara invit mibgħut mill-Kunsill Ċiviku Żabbar għal Lejla Kulturali fl-okkażjoni ta' Jum Hompesch li ser issir nhar l-Erbgħa, 31 ta' Awwissu, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija fis-sala 'Ir-Ragħaj it-Tajjeb' f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Inqara invit mibgħut mill-familja Magro għal quddiesa solenni ta' Radd il-Ħajr lill-Alla għad-don tas-saċerdozju ta' binhom nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2011 fis-6.30 ta' filgħaxija fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

Inqara invit mibgħut mill-Paroċċa ta' Ħaż-Żabbar għall-preżentazzjoni tar-rapport u d-dokumentarju fuq ir-restawr tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja li ser issir nhar is-Sibt, 3 ta' Settembru, 2011 fis-Santwarju fit-8.30 ta' filgħaxija.

Inqara invit mibgħut mill-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għall-Kunċert Vokali u Strumentali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja 2011 li ser isir f'Misraħ is-Sliem, nhar it-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2011 fit-8.00 ta' filgħaxija.

Inqara invit mibgħut mill-Partit Laburista ta' Ħaż-Żabbar għal riċeviment li ser isir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2011 fit-8.00 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Laburista.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill mill-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħaż-Żabbar għal riċeviment li ser isir nhar il-Ħamis, 8 ta' Settembru, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija fil-każin tal-partit.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Amministrazzjoni għall-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-vandaliżmu fil-*playing field* ta' Triq il-Kunvent. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Pulizija tad-Distrett qegħda ta' kuljum tagħmel spezzjoni f'dan il-post.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni li għamlu r-residenti ta' Triq il-Kappuċċini u r-residenti tat-toroq tal-madwar dwar it-tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq il-Kappuċċini. Ir-residenti qed isostnu li bit-tibdil li sar qed jinħoloq periklu għall-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Pawlina Muscat Inglott direzzjoni lejn ix-Xgħajra.

Is-Sur Mark Grech ressaq quddiem il-Kunsill pjanta dettaljata li kienet saret flimkien mal-Perit tal-Kunsill biex issir *traffic island* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Pawlina Muscat

Inglott. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-*traffic island*, wara konsultazzjoni mar-residenti.

Is-Sur Pisani ssuġġerixxa li r-residenti jiġu nfurmati li l-Kunsill se jieħu azzjoni dwar l-ilment tagħhom.

Inqrat korrispondenza li ntbgħatet mill-Kunsill lill-Transport Malta sabiex tingħata approvazzjoni biex issir bankina fi Triq San Ġużepp.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn ġurnalist ta' *Allied Newspapers Ltd* fejn il-Kunsill intalab jagħti l-kummenti tiegħu dwar siġar li nżabru f'Misraħ San Ġakbu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra lill-kuntrattur responsabbli mix-xoghol li sar biex jagħti spjegazzjoni ta' dak illi sar. Il-Kunsill qabel ukoll jieħu wkoll parir tekniku ndipendenti biex jiġi stabbilit jekk effettivament saritx xi ħsara lis-siġar jew le qabel jieħu passi ulterjuri li jista' jkun hemm bżonn jittieħdu.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-4 ta' Awwissu, 2011 u 29 ta' Awwissu, 2011 li kien jammonta għal €43,010.22. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Grech.

- <u>Aġġudikazzjoni ta` offerti għall-installazzjoni ta' lift fiċ-Ċentru Ċiviku (ZLC 4/2011)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi tlett offerti għall-installazzjoni ta' *lift* fiċ-Ċentru Ċiviku. L-offerti mitfugħa kienu mingħand:

| **Kuntrattur** | **Prezz** |
|---|---|
| Central Trading Co Ltd | €23,772 |
| Panta Marketing and Services Ltd | €28,037 |
| Titan International Ltd | €24,339 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti kienu kollha sottomessi u ffirmati mill-offerenti.

Inqara r-rapport li tħejja mill-Inġinier Brian Cauchi dwar l-offerti li ġew sottomessi. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-aktar offerta vantaġġjuza dik mingħand il-kumpanija *Central Trading Co Ltd.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' uffiċjal inkarigat mil-librerija (ZLC 8/2010) ser jiskadi fit-28 ta' Settembru, 2011 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 4/2008) kien se jagħlaq fis-6 ta' Ottubru, 2011 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto sabiex tkompli taħdem għal sena oħra bil-ħinijiet imnaqqsa ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata tiġi milqugħa.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bonnici tkellem dwar l-arblu ornamentali tad-dawl li tneħħa minn Misraħ is-Sliem biex ikun jista' jitpogga l- planċier tal-banda fil-jiem tal-festa. Is-Sur Bonnici saħaq dwar l-importanza li dan l-arblu jerġa' jitpoġġa fejn kien wara li jgħaddu l-festi.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jitkompla ż-żbir tas-siġar fil-Qasam tad-Djar.

Is-Sur Bonnici qal li flimkien ma' rappreżentant tal-kumpanija *Greenpak* kienu ser jiġu avviċinati l-kazini, l-għaqdiet tal-baned u l-ħwienet li hemm fil-venda biex jiġu offruti konteenituri ta' separazzjoni tal-iskart għal matul il-ġranet tal-festa.

Is-Sur Bonnici qal li kien talab lill-kumpanija *Greenpak* biex temporanjament titneħħa l-b*ring in site* minn Triq tal-Labour minħabba l-attivitajiet tal-festa.

Is-Sur Pisani qal li kien irċieva lmenti dwar użu ħażin li qed isir mill-b*ring in site* li hemm fi Triq Castaldi u li din il-bring in site kienet qed toħloq inkonvenjent u detriment għar-residenti taż-żona.

Is-Sur Pisani ppropona li jinstab post alternattiv għal dawn il-b*ring in sites* u jekk ma jinstabx post ieħor dawn għandhom jitneħħew minn Triq Castaldi. Is-Sur Grech issekonda lis-Sur Pisani u l-Kunsill qabel b'seba voti favur u vot kontra ma' din il-proposta.

Is-Sur Bonnici qal li hu kien diġa tkellem mal-kumpanija Greenpak sabiex jiġu mnaddfa u maħsula il-konteenituri ta' din il-*bring in site* u għalkemm ma kienx jaqbel li dawn jitneħħew minn Triq Castaldi ser jara flimkien mal-kumpanija Greenpak jekk jistax jinstab post alternattiv fejn dawn il-konteenituri jistgħu jiġu spustjati.

Fl-10.00 ta' filgħaxija is-Sur Plumpton talab li jkun skużat.

Is-Sur Grech tkellem dwar it-toqob tal-arbli tal-festa li jitħallew mikxufa u ssuġġerixxa li wara l-festa ssir laqgħa ma' dawk kollha responsabbli mill-armar li jsir fil festa biex jiġi assigurat li dawn il-ħofor jitgħattew u b'hekk jitneħħa kull periklu.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jikteb lill-Kapillan tal-Parroċċa sabiex ikun jaf jekk għadx hemm użu tat-toqob li hemm fl-art f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi biex jekk m'hemmx dawn jiġu magħluqa.

Is-Sur Grech qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar il-kundizzjoni ħażina tal-art fi Triq tal-Labour u Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sur Grech ippropona li ssir petizzjoni u l-Kunsill joħroġ stqarrija għall-istampa bil-għan li l-Gvern jieħu ħsieb li jingħata wiċċ ġdid f' dawn iż-żewġ toroq. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar l-ilmenti pendenti li għad għandu l-Kunsill u saħqet dwar l-importanza li l-Kunsill jevalwa bir-reqqa r-rapport li tħejja tal-ilmenti li għadhom pendenti u jiddeċiedi dwar programm ta' xogħol ta'manutenzjoni għall-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li tiġi rranġata parti minn Triq il-Kunvent bejn Triq il-Karmnu ma' Triq Qalb Imqaddsa.

Is-Sinjura Calleja semmiet ukoll il-ħtieġa li jitneħħa żejt li hemm fl-art fi Triq Alessio Erardi ma' Triq il-Lembija.

Is-Sur Pisani qal li kienet qed titħejja applikazzjoni għall-proġett *Youth in Action* bit-tema *Food Miles.* Is-Sur Pisani qal li iżjed dettalji dwar dan il-proġett jingħataw aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fid-10.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-389 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2011.

Domenic Agius
Sindku